VERŻJONI ELETTRONIKA

K.L.B.L. 2/13/2018

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2018 dwar l-Użu ta' Faċilitajiet (Kunsill Lokali L-Imdina) (Città Nobile)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Imdina (Città Nobile) għamel dawn il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2018 dwar l-Użu ta' Faċilitajiet (Kunsill Lokali L-Imdina (Città Nobile)). Titolu.

2. F'dawn il-*Bye-Laws* kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xorta oħra: - Tifsir.

"l-Amministratur" tfisser il-persuna, każin, għaqda jew soċjetà li tirbaħ offerta mill-Kunsill biex tamministra l-faċilitajiet skont kif provdut fil-*Bye-Law* 9.1;

"applikant" tfisser kull persuna, kemm jekk individwu, każin, għaqda jew soċjetà li tapplika biex tagħmel użu mill-faċilitajiet;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"faċilitajiet" tfisser is-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill tal-Imdina (Città Nobile), Pjazza tas-Sur, Misraħ il-Kunsill (Corte Capitanale), Ġnien Howard (Area tat-Tomba), Casino Notabile u Pjazza San Pawl li huma taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali L-Imdina (Città Nobile);

"lokalità" tfisser il-lokalità tal-Imdina (Città Nobile);

"persuna awtorizzata" tfisser il-persuna, każin, assoċjazzjoni jew soċjetà li tkun ġiet mogħtija awtorizzazzjoni mill-Kunsill jew mill-Amministratur skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* sabiex tuża l-faċilitajiet.

"tagħmir" tfisser kull ħaġa li hemm mqiegħda jew imwaħħla ġewwa l-faċilitajiet.

3. Mingħajr preġudizzju għal kull permess ieħor meħtieġ minn xi awtorità oħra jew taħt xi liġi oħra, ħadd ma jista' jagħmel użu Użu ta' faċilitajiet.

VERŻJONI ELETTRONIKA

mill-faċilitajiet mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub mogħtija minn qabel mill-Kunsill.

Applikazzjoni għall-użu ta' faċilitajiet.

4. Il-Kunsill għandu jagħti awtorizzazzjoni għall-użu tal-faċilitajiet wara li ssir applikazzjoni bil-miktub minn applikant fuq il-formula stabbilita fl-Ewwel Skeda:

Iżda l-Kunsill ikollu d-dritt li jirrifjuta li jagħti dik l-awtorizzazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi u għal kull raġuni li l-Kunsill jista' jqis li tkun raġonevoli, u l-Kunsill għandu jagħti l-awtorizzazzjoni jew jiċħadha bil-miktub mhux inqas minn ħamest ijiem qabel il-ġurnata tal-attività.

Termini għall-applikazzjonijiet.

5. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kunsill sa mhux aktar tard minn ġimgħa u mhux iżjed kmieni minn xahar mid-data li fiha jkun propost li ssir l-attività. Id-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tiġi mgħarrfa lill-applikant bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

Prijorità fl-applikazzjonijiet.

6. Meta jaslu aktar minn applikazzjoni waħda għal xi attività biex issir fl-istess post u fl-istess jum, l-ewwel applikazzjoni li tkun daħlet għandha tingħata prijorità. Jekk jaslu applikazzjonijiet f'daqqa, l-applikant li jgħix fil-lokalità għandu jingħata preferenza. Jekk l-applikanti huma kollha mil-lokalità, jew jekk ħadd minnhom ma hu mil-lokalità, il-Kunsill għandu jtella' bix-xorti fil-preżenza tal-applikanti kollha.

Xorta ta' attività.

7.1.1. Ma għandha tiġi milqugħa ebda applikazzjoni skont kif provdut fil-*Bye-Law* 4 jekk ix-xorta tal-attività ma tkunx waħda edukattiva, rikreattiva, reliġjuża, kulturali jew filantropika, jew jekk dik l-attività ma tkunx approvata mill-Kunsill.

Awtorizzazjoni.

7.1.2. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata lill-applikant fuq il-formula stabbilita fl-Ewwel Skeda u bla ħsara għal dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet stabbiliti fit-Tieni Skeda, u għandha tinkludi kull kumment li l-Kunsill iħoss li jkun meħtieġ. Kopja tal-awtorizzazzjoni għandha tinżamm mill-Kunsill jew mill-Amministratur skont il-każ.

7.1.3. Din il-proċedura għandha tapplika wkoll fil-każ ta' rifjut. F'dak il-każ għandha tingħata r-raġuni għal dak ir-rifjut.

L-awtorizzazzjoni mhux trasferibbli.

7.2. Awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn il-*Bye-Laws* ma tkunx trasferibbli jekk mhux bil-permess bil-miktub bil-quddiem tal-Kunsill jew tal-Amministratur skont il-każ.

Drittijiet għall-użu tal-faċilitajiet.

8. L-applikant għandu, meta jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, iħallas dritt kif stipulat fit-Tielet Skeda:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda l-Kunsill jista' jagħti konċessjoni speċjali li ma jsir ebda ħlas fil-każ ta' attivitajiet li jkollhom għan filantropiku.

9.1 Il-Kunsill jista' jiddelega lil terzi persuni l-amministrazzjoni tal-faċilità, wara li tkun inħarġet sejħa pubblika għall-offerti. Delega tal-amministrazzjoni.

9.2 Il-persuna li tingħata l-offerta għandha taderixxi mall-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fit-Tieni Skeda u ma' kull kondizzjoni oħra li l-Kunsill jista' jimponi. Pattijiet u kondizzjonijiet.

9.3 Meta applikant iħoss ruħu aggravat minn xi deċiżjoni meħuda mill-Amministratur, huwa jista' jappella minn dik id-deċiżjoni lill-Kunsill u d-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun waħda finali. Dritt ta' appell.

10. Il-persuna li tingħatalha l-awtorizzazzjoni tinżamm responsabbli għad-danni kollha magħmula lill-faċilitajiet jew fit-tagħmir tagħhom jew għal kull dannu ieħor li terzi persuni jistgħu jsofru ġewwa l-faċilitajiet matul iż-żmien tal-awtorizzazzjoni. Responsabbiltà għad-danni.

11.1 Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-*Bye-Law* 9, jekk persuna awtorizzata tagħmel użu ħażin mill-faċilitajiet jew tikser xi waħda mill-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fl-awtorizzazzjoni, il-Kunsill u jew l-Amministratur, skont il-każ, jista' jirrevoka l-awtorizzazjoni u d-dritt mħallas ma jingħatax lura. Użu ħażin tal-facilitajiet; ksur tal-pattijiet u kondizzjonijiet.

11.2 Il-Kunsill għandu jitlob depożitu ta' mhux aktar minn mitejn u tlieta u tletin euro (€233) mill-persuna li tkun qed tuża l-faċilitajiet. Dan id-depożitu għandu jintalab sabiex jagħmel tajjeb għal kull ħsara li tista' tiġi kkaġunata.

11.3 Għandu jinżamm inventarju li jiġi reġistrat u ffirmat mis-Segretarju Ezekuttiv u mill-applikant, ta' dak kollu li jkun hemm fil-faċilità mikrija.

11.4 Meta tingħata l-awtorizzazzjoni dwar xi faċilita' lil xi persuni lil minn jingħata l-użu, għandhom jiġu indikati il-partikolaritajiet tal-persuna responsabbli.

12.1 Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispozizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*, jew tonqos milli taderixxi ma' xi kondizzjoni tal-awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dawn il-*Bye-Laws*, teħel meta tinsab ħatja ammenda ta' mhux aktar minn disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88) għal dik il-kontravvenzjoni. Pieni.

12.2 Il-Kunsill jista' b'żieda mal-penali stabbiliti fil-*Bye-Law* 12.1 jordna lill-persuna li tinstab ħatja ta' ksur li tagħmel it-tiswijiet meħtieġa li jkunu għas-sodisfazzjon tal-Kunsill. Tista' wkoll teħel

VERŻJONI ELETTRONIKA

ammenda ta' ħdax il-euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal kull ġurnata li matulha ma jsirux it-tiswijiet.

12.3 Il-Kunsill ikollu dritt li jagħmel it-tiswijiet meħtieġa bi spejjeż tal-persuna ħatja.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-EWWEL SKEDA
(*Bye-Law* 4)

Applikazzjoni għall-Użu tal-Faċilitajiet

Nru. tal-Applikazzjoni: .....

Isem u Kunjom tal-Applikant: .....

Nru ta' Dokument ta' Identifikazzjoni Legalment Validu/Nru. tal-Passaport: .....

Isem tal-Għaqda (jekk dan ikun japplika): .....

Kariga fl-Għaqda (eż., President, Segretarju, eċċ.): .....

Indirizz Uffiċjali: .....

.....

.....

Nru. tat-Telefon: ..... Nru. tal-Fax: .....

Il-Faċilità li qed tapplika għaliha: .....

Ġranet tal-Attività: Minn: ..... Sa: .....

Użu ta' tagħmir tal-Kunsill: Iva: ..... Le: .....

Żmien (Ħin): Minn: ..... Sa: .....

Kemm nies taħseb li ser jattendu: .....

Dritt għad-Dħul (jekk dan ikun japplika): .....

Miżuri meħuda biex jindennizzaw lill-Kunsill (ehmeż id-dokumenti): ..... (eż. Polza ta' Assigurazzjoni, Garanzija Bankarja, eċċ)

Data: ..... Firma tal-Applikant: .....

GĦALL-UŻU UFFIĊJALI

Dritt Imħallas: ..... Nru. tar-Riċevuta: .....

Data u ħin meta waslet l-applikazzjoni: .....

Aċċettata/ Mhux Aċċettata (ħassar kif meħtieġ)

Data: .....

Kummenti mill-Kunsill (jekk meħtieġ): .....

.....

Firma: ..... Timbru Uffiċjali:

Kariga: .....

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIENI SKEDA
(*Bye-Laws* 7.1.2 u 9.2)

Pattijiet u Kondizzjonijiet għall-Awtorizzazzjoni
għall-Użu tal-Faċilitajiet

1. L-awtorizzazzjoni hi valida għat-tul ta' żmien skond kif muri fil-formula tal-applikazzjoni li tinsab fl-Ewwel Skeda u bla ħsara għal kondizzjonijiet oħra magħmula mill-Kunsill fuq il-formula tal-awtorizzazzjoni.

2. Il-Kunsill għandu dritt li jirrevoka l-awtorizzazzjoni f'kull ħin għal xi ksur ta' xi waħda minn dawn il-pattijiet u kundizzjonijiet jew xi disposizzjonijiet tal-*Bye-Laws* jew xi kundizzjonijiet oħra magħmula mill-Kunsill fuq il-formula tal-awtorizzazzjoni. Il-Kunsill għandu dritt ukoll li jirrevoka l-awtorizzazzjoni jekk l-attività titqies li tkun kontra l-morali jew id-diċenza pubblika.

3. Jekk il-Kunsill jirrevoka l-awtorizzazzjoni għal xi raġuni msemmija fil-partita 2, il-persuna awtorizzata ma jkollhiex dritt li tieħu lura d-dritt imħallas jew xi parti minnu.

4. L-awtorizzazzjoni tinħareġ bla ħsara għal kull permess jew liċenza meħtieġa taħt kull liġi oħra. L-applikant għandu d-dmir li jikseb dawk il-permessi u l-liċenzi meħtieġa.

5. Il-persuna awtorizzata ma tistax tagħmel xi attività li ma tkunx imniżżla fl-awtorizzazzjoni.

6. Il-persuna awtorizzata għandha żżomm il-faċilità nadifa f'kull ħin matul l-attività u tiżgura li dak il-post għandu jibqa' nadif sakemm jagħlaq iż-żmien tal-awtorizzazzjoni.

7. Il-persuna awtorizzata għandha tiżgura li mat-tmiem tal-awtorizzazzjoni l-faċilità titħalla fl-istat oriġinali li fiha kienet tinsab.

8. Il-persuna awtorizzata għandha tiżgura li ma jinħoloq ebda inkonvenjent jew skumdità lill-pubbliku matul iż-żmien tal-awtorizzazzjoni.

9. Kull storbju għandu jieqaf sal-10.30pm għall-użu tas-Sala tal-Kunsill, sat-8.30pm għall-użu ta' Pjazza tas-Sur u sa l-11.00pm l-użu ta' Misraħ il-Kunsill (Corte Capitanale), Howard Gardens (Tomba), Casino Notabile u Pjazza San Pawl.

10. Kopja tal-awtorizzazzjoni għandha tiġi esposta għall-informazzjoni tal-pubbliku fl-entrata tal-faċilità f'kull ħin fid-daħla tal-faċilità.

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIELET SKEDA

(*Bye-Law* 8)

Drittijiet għall-Użu tal-Faċilitajiet

1.	Dritt għall-użu tas-Sala tal-Kunsill	€100 għal kull attività
2.	Dritt għall-użu tal-Pjazza tas-Sur	mhux aktar minn €400 għal kull attività
3.	Dritt għall-użu ta' Misraħ il-Kunsill	mhux aktar minn (Corte Capitanale) € 400 għal kull attività
4.	Dritt għall-użu Howard Gardens (Tomba)	mhux aktar minn €815 għal kull attività
5.	Dritt għall-użu ta' Casino Notabile	mhux aktar minn €500 għal kull attività
6.	Dritt għall-użu ta' Pjazza San Pawl	mhux aktar minn €4000 għal kull attività